MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru 3/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana )**

**vs.**

**Maria Isabel Torrez Ortiz**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Maria Isabel Torrez Ortiz detentrici tal-Passaport tal-Colombia bin-numru AM 680538.

Akkuzata talli:

1. Nhar l-20 ta’ Gunju 2015 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’Malta, f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputata Maria Isabel Torres Ortiz bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontriha hija ta’ sitt (6) xhur prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputata hin adegwat biex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u tara jekk tridx tirrevedi l-posizzjoni taghha, l-imputata regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputata u kkoperat mal-Pulizija.

L-imputata kienet qieghda tirreklama s-servizzi sesswali taghha fuq sit elettroniku ghax qalet li ma kienitx taf li dan kien illegali f'Malta. Hija nehhiet dan ir-reklamar minn fuq is-sit elettroniku mmedjatament malli giet infurmata mill-Pulizija li l-agir taghha kien illegali.

Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-imputata ghandha tinghata liberta' kondizzjonata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitollu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin millum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------